MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 29/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Claudio Vella ta' 16-il sena, iben Joseph u Margaret nee' Vella, imwieled Rabat, Ghawdex, Malta, nhar il-10 ta' Awwissu, 1992, residenti fil-fond 39, Triq Marsilja, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 33392(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Claudio Vella li gie akkuzat talli:

1) Fil-lejl ta' bejn l-25 ta' April u s-26 ta' April 2009, ghal habta ta' nofsiegha ta' filghodu (00:30hrs)

gewwa is-Sannat, Ghawdex minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Adrian Parnis f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Adrian Parnis u dan bi strument li jaqta' u bil-ponta;

2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkosntanzi qabad armi kontra n-nies;

3) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Adrian Parnis u Marvin Parnis sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mbotta lil Adrian Parnis u lil Marvin Parnis fit-triq sabiex iweggghu jew jinsultah;

5) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Marvin Parnis f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marvin Parnis u dan skond certifikat mediku mahrug minn Dr. M. Saliba MD;

6) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Adrian Parnis f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Adrian Parnis u dan bi strument jaqta u bil-ponta u dan skond certifikat mediku mahrug minn Dr. M. Saliba MD;

7) U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci tal-pubbliku;

8) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr strument jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Mejju, 2009;

Semghet illi l-parti leza Adrian u Marvin Parnis irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat;

Semghet lill-imputat jammetti t-tieni (2), is-seba' (7) u t-tmien (8) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi processwali jirrizulta illi l-parti leza Marvin u Adrian Parnis irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat fejn dawn huma rinunzjabbli. Kwindi l-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawrit ghar-rigward tat-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat;

Illi mix-xhieda ta' Dr. Mario Saliba jirrizulta illi l-griehi sofferti minn Adrian Parnis kienu griehi ta' natura hafifa biss u kwindi l-ewwel (1) akkuza ma tirrizultax ippruvata u cioe' illi l-imputat ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Adrian Parnis u semmai tista' tinstab htija biss ghar-rigward ta' griehi ta' natura hafifa. Izda billi Adrian Parnis irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawrit ukoll ghar-rigward ta' din l-akkuza;

Illi fir-rigward tat-tieni (2), is-seba' (7) u t-tmien (8) akkuzi, daw huma ammessi mill-imputat u kwindi l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess;

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) akkuza, tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tat-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u sitt (6) akkuzi. Tiddikjara wkoll il-procediment ezawrit fir-rigward tar-reat ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Adrian Parnis;

Madanakollu ssib lill-imputat hati tat-tieni (2), is-seba' (7) u t-tmien (8) akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat u wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 339 (b) tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tikkundanna lill-imputat multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghar-rigward tat-

tmien (8) akkuza, tikkundannah ammonizzjoni u riprensjoni ghar-rigward tat-tieni (2) u s-seba’ (7) akkuzi;

Inoltre l-Qorti tordna l-konfiska tad-dokument ‘LB 4’.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------